MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 267/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance Plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom George Callus u l-istess George Callus f'ismu proprju**

**Vs**

**Joann Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-atturi fejn talbu Lm293.00c (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin) rappresentanti danni allegatament kagjonati tort tal-konvenuta f'incident ta' traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenuta qalet li ma kienitx responsabbli ghall- incident.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti prodotti.
Ikkunsidra li skond PS 489 George Attard ezatt wara l-habta Charlot Callus qal li kien qed isuq Qormi Road direzzjoni lejn il-Hamrun "meta l-vettura tal-konvenuta giet mid-direzzjoni opposta u qasmet in-naha tieghi f'daqqa u ma l-hadtx zammejt il-vettura tieghi".

Il-konvenuta qalet li kienet isuq fi Triq Qormi direzzjoni ta' Hal Qormi, waqfet, xeghlet l-indicator biex nidhol lejn triq Attocia u kif kienet wieqfa giet vettura tal-attur u dahlet fiha.

Meta xehed PS 489 qal li ma kienx hemm karozzi fuq il-gemb tal-lemin tal-attur u li l-konvenuta kienet fuq in-naha taghha tat-triq.

Meta xehed Charlot Callus, hu qal li kien hemm karozzi pparkjati fuq il-lemin tieghu. Hu qal li ra lil konvenuta tohrog ghan-nofs. Hu zamm brake izda habtu. L-attur qal li qabel l-incident l-konvenuta kienet f'nofs il-lane tieghu u b'risultat tal-incident marret lura fil-lane taghha.

Il-konvenuta xehdet li "kont se nikser ghal go Attocia Street. Waqaft, xeghelt l-indicators. Jiena waqaft fin-nofs izda ma qbistx ic-central white line. Jiena rajt lill-Callus ghadu l-boghod…kien xi zewg karozzi l-boghod minni u jiena kont wieqfa free fin-nofs. U dak il-hin sibtu fuqi".

Il-konvenuta qalet li bir-risultat tal-habta tahseb li l-karozza taghha resqet ftit lura. Tahseb li l-karozza ta' Callus resqet lura ukoll.

Fil-kontro-ezami Agius qalet "ma jidirlix li kont qbist il-white line, li hemm fit-triq meta waqaft milwija…Jiena ma jidirlix li Callus qabez il-white line li hemm fit-triq".

Rita Gauci omm il-konvenuta xehdet li l-konvenuta waqfet, xeghlet l-indicators u Callus gie fuqhom. Skond Gauci, Agius waqfet ghal ftit sekondi qabel ma gara l-incident.

In kontro-ezami Gauci qalet li b'risultat tal-incident Agius mxiet naqra lura "tikka lura, kemm icaqalqet".

Ikkunsidra li Charlesworth & Percy On Negligence (Sweet & Maxwell 1997 para 9-221 jghidu li "when there is a collision between two motor vehicles in the highway and there is no evidence pointing to one driver being any more to blame than the other, the proper inference to be drawn is that they are both to blame."

Ikkunsidra li hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna li jtennu l-principju li sewwieq li jkun ser jibdel id-direzzjoni tieghu jehtieglu mhux biss li jaghmel sinjal sabiex jindika l-manuvra tieghu, izda jehtieglu wkoll jara illi dawk li jkunu qed isuqu fit-triq ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. (Ara per ezempju Said Vs Muscat Magistrati MM 29/11/1999).

Illi kemm l-konvenuta u kemm omma jikkonfermaw li wara l-habta l-karozza tal-konvenuta mxiet ftit lura. Illi ghalhekk jirrisulta li kienet il-konvenuta li qasmet il-lane ta' traffiku u dan ghalkemm kienet rat lil vettura l-ohra gejja fid-direzzjoni opposta. L-incident gara ghaliex il-konvenuta qasmet nofs it-triq minghajr ma tassikura li tista' taghmel hekk minghajr ma tostakola karozzi gejjin fid-direzzjoni opposta.

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tal-konvenuta. Illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar id-danni.

Ghalhekk, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas Lm293.00c (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin) lill-atturi bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Ottubru, 2002. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------